MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2011

Numru 1049/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**VS**
**JOSEPH BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Bugeja ta' 34 sena, iben Joseph Bugeja u Monica Bugeja xebba Lanzon, imwieled Pieta, nhar id-29 ta' Dicembru 1976, u residenti 19, Massabielle, Triq Pietru Felici, Siggiewi u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 67377M.

(A) Akkuzat talli nhar l-10 ta' Settembru 2011, ghall-hin tal-10pm, minn gewwa fond "Casa Nostra", Triq il-Professur Nerik Vassallo Siggiewi, ikkommetta serq ta' "television" tad-ditta "LG" u tip "LCD", liema serq huwa

kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri s-somma ta' 232.94 Ewro izda mhux dik tal-2329.37 Ewro, bil-persuna, bil-lok, u bil-hin ghad-detriment ta' Orazio Vassallo u Donna Dimech.
(B) U aktar talli rrenda lilu nnifsu recidiv, meta gie kkundannat b'sentenza mghotija mill-Qrati Maltin liema sentenza saret definittivi u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-Imputat sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Joseph Bugeja.

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni fuq indikata wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-ammisjoni tal-imputat il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261,263,264,267, 268, 269, 270, 49, u 50 Kap 9, Art 7 Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat that Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija, u l-eta' tal-imputat.

Il- Qorti tordna li kopja ta din is- Sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------